



Pożizzjoni Vakanti: Uffiċjal Xjentifiku għat-Taħriġ u l-Bini tal-Kapaċità

Unità: Kapaċità tas-Saħħa Pubblika u Komunikazzjoni

Referenza: ECDC/FGIV/2017/PHC-SOTCB

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg ser jaħdem fit-Taqsima tat-Taħriġ tas-Saħħa Pubblika fl-Unità tal-Kapaċità tas-Saħħa Pubblika u Komunikazzjoni (PHC). Hu/hi ser jirrapporta/tirrapporta lill-Mexxej tal-Grupp tat-Taħriġ tan-Netwerk u t-Tisħiħ tal-Kapaċità; u ser jaħdem/taħdem mill-qrib mal-Programmi relatati mal-Mard tal-ECDC, mal-Governanza Korporattiva u mal-ICT fiċ-Ċentru.

Id-detentur tal-impjieg ser ikun responsabbli b'mod partikolari għall-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- Jikkontribwixxi għall-attivitajiet tat-taħriġ ta' kwalità għolja tal-ECDC imwettqa mill-Programmi relatati mal-Mard u t-taqsimiet tal-ECDC, inkluż l-appoġġ għall-ġestjoni tal-proġetti u l-iżvilupp ta' gwida u għodod;
- Jikkoordina l-iżvilupp tar-riżultati tat-taħriġ f'formati differenti (wiċċ imb'wiċċ, taġħlim elettroniku u taġħlim imħallat) f'kooperazzjoni mal-esperti tal-kontenut;
- Jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Appoġġ għall-Pajjiżi tal-ECDC inkluża l-koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati interni kif ukoll ma' organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali u networks involuti fit-taħriġ dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed;
- Jipprovdi kontribut kummerċjali għal pjattaforma tal-ICT għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet u l-profilu tal-pajjiżi tal-partijiet ikkonċernati;
- Jikkontribwixxi għat-tħabbir fil-ħin tal-attivitajiet tat-taħriġ u ta' attivitajiet oħra tal-komunikazzjoni fit-Taqsima (pereżempju bullettin, komunitajiet ta' Prattika, twitter, skedi informattivi, eċċ.);
- Attivitajiet oħra tal-bini tal-kapaċità tal-pajjiżi kif mitlub.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex ikun kandidat eliġibbli d-detentur tal-impjieg irid jissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin attestati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena¹;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi tal-Komunitajiet u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Komunitajiet sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu/tagħha²;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Il-kandidat għandu jkun intitolat għad-drittijiet kollha tiegħu bħala ċittadin³;
- Il-kandidat għandu jkun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikun fiżikament f'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga;

B. Kriterji ta' għażla

Biex kandidat jikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 3 snin esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma) li mill-inqas sena minnhom trid tkun esperjenza miksuba f'pożizzjonijiet rilevanti għad-dmirijiet kif spjegat fid-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Esperjenza Prattika u ħiliet tajbin ħafna fil-ġestjoni ta' proġetti;
- Esperjenza fl-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità fil-qasam tas-saħħa pubblika;
- Għarfien u fehim tal-ġhodod u t-teknoloġiji applikati għat-taħriġ, inkluż it-tagħlim elettroniku u/jew il-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati;
- Esperjenza fil-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati;
- Għarfien eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

¹ Ser jiġu kkunsidrati biss iċ-ċertifikati u d-diplomi li jkunu nġataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

² Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operattiv ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

³ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdha ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħiliet organizzattivi b'saħħithom;
- Orjentazzjoni eċċellenti lejn is-servizz;
- Sensibilizzazzjoni u sensitività politiċi żviluppata sew;
- L-abbiltà li jaħdem b'mod kollaborattiv u jibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- L-abbiltà li jerfa' r-responsabbiltajiet u jikseb riżultati ta' kwalità għolja;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni mitkellma u bil-miktub.

Identifikajna wkoll esperjenzi u ħiliet li huma ta' vantaġġ għal din il-kariga. Dawn huma:

- Esperjenza fid-definizzjoni u l-formulazzjoni tal-ħtiġijiet tan-negozju bħala parti mill-iżvilupp tal-IT;
- Esperjenza ta' xogħol minn ambjent internazzjonali u multikulturali;
- Esperjenza attestata fl-akkwist pubbliku u fil-ġestjoni tal-kuntratti.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jasl, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

Il-persuna impjegata se tintgħażel abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni tagħhom fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista qasira ta' kandidati ser tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi reklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni IV**. L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff_Regulations_2014.pdf

Il-post tal-impjeg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, fil-każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din ser tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida trid timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tintbagħat fil-format ta' Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁴. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox ser jitqiesu bħala mhux validi.

Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tista' tinstab fuq is-sit web tagħna hawnhekk: <https://ecdc.europa.eu/en/work-us/vacancies>

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess tar-reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet mibgħuta, se jiġu notifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁴ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum fl-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.